**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Alison Lowell u Franco Amato Nicholls

vs

Richard Woodworks

CCT 120/17/MS

3 ta' Ottubru 2018

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fit-28 ta' Gunju 2017 fejn talbu r-rifuzjoni ta' elf Euro minghand il-konveut, prezz ta' zewg vanity cabinets illi qatt ma gew manifatturati u wisq anqas konsenjati lir-rikorrenti.

Ra r-risposta tal-intimat ipprezentat fl-20 ta' Lulju 2017 fejn wara li cahad it-talbiet tar-rikorrenti qal illi l-ebda ammont ma kien dovut mil-lintimat stante li r-rikorrenti temmew l-inkarigu moghti lill-intimat, wara li l-istess intimat kien gja inkorra spejjes konsistenti f'xiri ta' materjal.

Ra l-atti kollha tal-process.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrenti Alison Lowell xehdet li fil-5 ta' Ottubru 2016 hallset depozitu ta' elf Euro lill-intimat ghal zewg vanity units. Tghid li dawk il-vanities qatt ma gew konsenjati u riedet il-flus lura peress illi l-ghamara saret ghand haddiehor. Qalet ukoll li l-vanities kellhom jigu installati fil-bidu tas-sena 2017, izda ma gewx. Esebiet invoice Dokument AL2 fejn jidher vanity wiehed bil-prezz ta' €350 flimkien ma' affarijiet ohra. Tghid illi minkejja li ordnaw zewg vanities, wahda biss giet imnizzla, izda xorta hallset elf Euro bhala depozitu ta' zewg vanities. Meta raw li ghadda z-zmien u dawn il-vanities ma gewx, baghtu ittra legali fl-14 ta' Marzu 2017 (Dok EMA) u meta dan ukoll kien ghal xejn, ordnaw il-vanities minghand haddiehor.

Illi min-naha l-ohra l-intimat ma jichadx illi sar pagament ta' elf Euro. Biss ighid illi dan ma kienx biss ghal vanities imma ghal hafna xoghol iehor, kif jidher mid-dokument RB11. Peress illi l-appartament tar-rikorrenti ma kienx ghadu fih il-madum, l-intimat ma setax jahdem. Il-madum tqeghed ghal bidu tal-2017, fejn l-intimat ha l-kejl u xtara l-materjal li kellu bzonn. Esebixxa dokument RB12, li huwa cash sale tal-injam mixtri minghand Bugeja Bros. Ltd, li fih id-data 21 ta' Dicembru 2016. L-intimat beda x-xoghol, qatta' l-injam u kien lest biex jigi mghaqqad. Sadattant lesta l-vanity. Jichad illi l-ordni kienet ghal zewg vanities u jghid illi wahda biss kienet ordnata, tant illi r-rikorrent gablu s-sink ghalih. Ghal habta ta' Marzu 2017, l-intimat gie mgharraf illi t-tfajla tar-rikorrent xtrat kcina minghand haddiehor u ma kienx interessat aktar fl-ordni li kien ghamel mal-istess intimat. Fl-istess xahar, ir-rikorrent ha s-sink lura u sussegwentement ircieva l-ittra legali msemmija aktar 'l fuq. Wara dan ma sema' xejn aktar u saret din il-kawza.

Ikkunsidra

Illi l-ewwel haga li trid tigi stabbilita hija jekk fil-fatt gewx ordnati zewg vanities jew inkella wahda. Gew prezentati zewg dokumenti tal-ordni illi saret mal-intimat - Dok AL2 u dok RB11 - wiehed ipprezentat mir-rikorrenti u l-iehor mill-intimat. Avolja dawn id-dokumenti ghandhom tipi u *font* differenti, l-kontenut huwa l-istess u t-tnejn jindikaw id-data ta' 15 ta'Awwissu 2016. Dak li pprezenta l-intimat ghandu d-data ta'15 ta' Awwissu 2016 mhassra biex taqra 26 ta' Ottubru 2016. Fiha ukoll l-firma tal-intimat u hemm indikat vanity wiehed ghal prezz ta' €350 mentri dak tar-rikorrenti jgib id-data ta' 15 ta'Awwissu 2016 u mhuwiex iffirmat. Ghalhekk iz-zewg dokumenti pprezentati miz-zewg partijiet jaqblu perfettament fil-kontenut li gie ordnat vanity wiehed bil-prezz ta' €350.00 kif ukoll affarijiet ohra, b'prezz ta' iktar minn €7,000. Terga' u tghid ir-rikorrent ikkonsenja lill-intimat sink wiehed u mhux tnejn, fejn allura jkompli jikkorobora l-versjoni tal-intimat, illi l-ordni kienet ghal vanity wiehed. Apparti dan it-Tribunal isibha ferm stramba kif ir-rikorrenti jallegaw li ordnaw zewg vanities u hallsu depozitu ta' elf Euro li huwa aktar mill-valur taz-zewg vanities flimkien. Anke jekk il-vanities ma kellhomx ikunu l-istess u forsi wahda kienet tkun prezz oghla mill-ohra, xorta ma jaghmilx sens illi tithallas dik ic-cifra bhala depozitu, meta probabilment kienet ser tkopri l-prezz intier, jew vicin tieghu. Jekk l-order form li kellhom ir-rikorrenti ma kienx jirrifletti ezattament x'kienu ftehmu, kien jinkombi fuqhom biex jitlobu lill-intimat xi forma ta' kjarifika jew almenu ircevuta mal-hlas tal-elf Euro li taghmilha cara illi dak il-hlas kien qed issir akkont tal-prezz ta' zewg vanity units u mhux akkont tal-affarijiet l-ohra. Dan m'ghamluhx u minflok ghazlu li jhallsu l-elf Euro u jhallu kollox kif kien. Huwa ghalhekk aktar probabbli illi d-depozitu ta' elf Euro thallas bhala parti mill-ordni kollha, kif muri fid-dokumenti RB 11 u AL2 ipprezentati miz-zewg partijiet. Dan jammonta ghal ghaxra fil-mija tal-prezz totali li huwa skond il-prassi ta' hlas ta' depozitu fuq ordni partikolari. Irrizulta wkoll illi l-vanity kien tlesta u s-sink nghata lura lir-rikorrent. Dan juri illi almenu f'dak l-istadju ma kienx hemm xi animosita' partikolari bejn il-partijiet.

Il-fatt jibqa' li dan it-Tribunal huwa propens li jemmen il-versjoni tal-intimat illi gie ordnat vanity wiehed, inhadem ghal sink partikolari provdut mir-rikorrenti u kien ukoll fassal u beda jahdem fuq il-qpija tal-ordni li kienet saret f'Awwissu/Ottubru 2016. L-intimat ipprezenta cash sale minghand Bugeja Bros Ltd. bid-data 21 ta' Dicembru 2016 ghal valur ta' €987.95 fejn ighid illi kien l-injam intiz ghall-ordni tar-rikorrenti. Avolja ma hemm xejn fuq id-dokument illi juri b'certezza illi dan l-injam kien intiz ghar-rikorrenti, it-Tribunal lest li jakkorda grad ta' probabbilta' peress illi dan il-*cash sale* jabbina mal-ordni illi kienet saret ftit xhur qabel. Ghahekk jekk jigi accettat dan il-cash sale bil-valur ta' kwazi elf Euro, kif ukoll il-valur tal-vanity illi gie ppruvat li sar mill-intimat, dan jaqbez bil-bosta l-elf Euro illi qeghdin jirreklamaw ir-rikorrenti. Kif gja nghad huwa aktar probablu li d-depozitu ta' elf Euro thallas bhala persentagg ghall-ordni intiera kif muri mid-dokumenti u mhux ghal zewg vanities units, li l-anqas kienu jidhru fuq l-ordni.

Ir-rikorrenti ighidu illi l-intimat ha wisq zmien sabiex jikkompleti l-ordni maghmula, pero' l-ordni ma kenitx biss ghal zewg vanities izda ghal hafna affarijiet ohra kif muri fl-istess ordni u dan kien jirrikjedi hafna zmien aktar milli sempliciment zewg vanities. Jekk ir-rikorrenti unilateralment qabbdu u ordnaw vanity units (u possibilment kcina) minghand haddiehor kien ghalhekk li ma kienx ghad fadallhom interess fl-ordni li kienu ghamlu mal-intimat. Dan tal-ahhar pero, lahaq ghamel l-ispejjes kif fuq inghad u mhux sew illi minn fuq ihallas id-doppju biex jikkompensa lir-rikorrenti ghall-agir taghhom.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jichad it-talba tar-rikorrenti. Bl-ispejjes kontra taghhom.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru